**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 22**

**29 ta' Diċembru 2020**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 29 ta' Diċembru 2020, fis-Sala tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku

Jerome Caruana Cilia - Kunsillier

Ralph Puli – Kunsillier (permezz ta' Video Conferencing)

Carmelo Cuschieri – Kunsillier

Marvin Zammit – Kunsillier

Dr Sean Apap Meli – Kunsillier

Martina Grech - Kunsillier

Abigail Sammut - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Donnha Barbara – Viċi Sindku

George Muscat – Kunsillier

Daniel Ablett – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippresjeda l-laqgħa.

**22.1 Komunikazzjoni mis-Sindku**

21.1.1 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento spjegat l-urġenza tal-laqgħa, fejn spjega li hemm l-proposta ta' bini ta' fly-over li mistennija tieħu madwar 14,000 tommna ta' raba saqqwi miz-zona ta' San Ġwakkin.

Is-Sindku ppreżenta Mozzjoni Nru 68

**Mozzjoni b'urġenza Nru 68 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nirrisolvu illi, wara l-laqgħa li l-Kunsill Lokali kellu ma' *Infrastructure Malta* dwar il-kwistjoni ta' teħid ta' art agrikola maħduma, fl-akwata ta' San Ġwakkin, u dan biex jingħata l-informazzjoni dwar il-proġett imfassal; u wara li ġie spjegat li l-għan ta' *Infrastructure Malta* huwa li tinbena *fly-over* biex tigi indirizzata l-'*black spot'* f'din it-triq, cioe' fil-*junction* għad-dħul Fuq Tal-Blat II, u wkoll biex jinbnew 'cycling lane' kif ukoll 'pedestrian path'; il-Kunsill Lokali qed jieħu din il-pożizzjoni fl-aħjar interess ta' dawk kollha li jgħixu u jaħdmu f'Ħal Qormi.

Filwaqt li l-Kunsill Lokali jagħraf l-bżonn li tiġi ndirizzata s-sigurta' f'din it-triq, minħabba t-traġedji li seħħew sa mill-ftuħ tagħha, kif ukoll il-proposta li jiġu żviluppati faċilitajiet għall-eżerċizzju, l-Kunsill Lokali jibqa' tal-fehma li din l-art agrikola li tinħadem mill-bdiewa, mhix biss hija mezz ta' dħul finanzjarju għall-bdiewa li jaħdmuha u l-familji tagħhom, iżda wkoll hija essenzjalment, wieħed mill-ftit pulmuni ta' spazju miftuħ għal Ħal Qormi; u għaldaqstant il-Kunsill Lokali jibqa' tal-fehma li għandu jiġi assigurat li din l-art ma tintmissx, billi:

1. Il-*junction* tingħalaq għat-traffiku mill-Mrieħel *by-pass*. Kemm ir-residenti tal-Blat II kif ukoll l-industrija li topera minn din l-istess area, tagħmel użu mill-aċċessi li diġa jeżistu kemm minn Triq il-Mitħna, Triq il-Kanun u Triq Fleur-de-Lys; u
2. Is-*Cycling Lane* u l-*Pedestrian Path* għandhom jibnew fuq struttura li tuża l-enġinerija ta' *cantilever*.

Ghalhekk Il-Kunsill Lokali:

- ma jistax jaccetta li tittieħed aktar art li hija pulmun għal Ħal Qormi, fic-cirkostanza li llum dan ir-rahal li kien rurali, illum sar prattikament qasam industrijali, maħzen nazzjonali kif ukoll ċentru kummercjali. Il-bżonn ta' spazji miftuħa għat-tfal, għaż-żgħażagħ u għan-nies li jgħixu f'Ħal Qormi huma essenzjali għas-saħħa fiżika u mentali tagħhom. Min-naħa l-oħra, apparti li bdiewa li jaħdmu l-art, iżommu bis-saħħa ta' ħidmiethom ambjent viżwalment sabiħ, iżda wkoll, hemm l-għixien tagħhom ipperikolat jekk tittieħed din l-art kollha;
- lanqas ma jista' jaċċetta wkoll din il-proposta, kif tqegħdet minn Infrastructure Malta, ghaliex ma jistax jiġi ipperikolat il-proġett tar-rainwater relief li ta nifs lil dawk kollha li jgħixu fil-widien, li sfortunatament illum bl-iżvilupp saru toroq residenzjali;
- jirriafferma l-impenn tiegħu favur ambjent san u dinjituż, l-ewwel għal dawk kollha li jgħixu u jaħdmu f'Ħal Qormi, iżda wkoll għaliex din il-parti ta' Malta, li hija fost l-aktar partijiet tal-pajjiż li hija ppopolata, hi ukoll mgħobbija bl-industrija, bħalma huma s-seba' oqsma industrijali li huwa mdawwar bih Ħal Qormi, il-port u l-ajruport; u
- jibqa' dispost biex jiddiskuti alternattivi biex jinstabu s-soluzzjonijiet meħtieġa għal għanijiet importanti imsemmija.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda l-mozzjoni u spjega li bħala Gvern Lokali għandu jiġi kkonsultat fil-fażi preliminari ta' proġett, iżda dan mhux isir mill-Awtoritaijiet u dan mhux f'Ħal Qormi biss iżda madwar Malta u Għawdex. Barra minhekk spjega li matul is-snin Ħal Qormi tteħditlu ħafna raba saqqwi. Il-Kunsililer Jerome Caruana Cilia spjega li matul il-laqgħa ma' Infrastructure Malta staqsa dwar il-kamra tan-nar u IM infurmat li żammet il-parametri, iżda jidher li l-parametri mhux jinżamm mill-għalqa ta' fejn jinħaraq in-nar, bil-konsegwenza li se jkun qed joħloq problemi kbar ta' minn fejn se jinħaraq in-nar. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia spjega li l-laqgħa ta' Infrastructure Malta kienet kordjali ħafna. Il-Kunsillier Marvin Zammit infurma li ġie nfurmat li s-cycling lane kellha ssir fuq in-naħa tal-bini u mhux fuq in-naħa tal-għelieqi.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** spjega li l-Kunsill mhux kontra li jitneħħa l-periklu iżda ma jistax jaċċetta li tittieħed aktar raba u jinħoloq periklu għar-residenti li jgħixu fiz-zona tal-Wied.

**Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri** qal li waqt il-laqgħa ma' Infrastructure Malta, ssemma' li dan il-proġett jinsab fuq il-Masterplan, għaldaqstant ikun opportun jekk il-Kunsill ikollu kopja tal-Masterplan li jolqot lil Ħal Qormi.

**Il-Kunsillier Martina Grech** qalet li l-proġett għadu fi stadju ta' konsultazzjoni iżda mhux ġust li l-Kunsill Lokali ma jiġix ikkonsultat.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni li jista' jagħti l-każ li sar avviż b'affissjoni. Il-Kunsillier Dr Sean Appa Meli qal li l-Kunsill għandu jipproponi li l-green strip ssir fuq in-naħa tal-għelieqi filwaqt li l-flyover issir fl-ispazju tal-bypass, bħalma sar fil-bypass tal-Mellieħa.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** nfurma li hu jaqbel 100% mal-mozzjoni u jaqbel mal-proposti tal-Cantilever, dejjem mhux a skapitu tal-ambjent.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab l-approvazzjoni tal-Kunsill, sabiex l-E.T., Marie Louise Coleiro Preca sabiex tintervjeni. Il-Kunsill approva l-intervent.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** rringrazzja lill-E.T., Marie Louise Coleiro Preca tal-intervent tagħha.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li f'dawn iċ-ċirkustanzi l-Kunsill għandu jinsa l-piki politiċi u jingħaqad għal ġid ta' Ħal Qormi kollu. Qal li din hija ċirkostanza ta' Do or Die, għall-fatt li jekk il-Kunsill se jċedi, l-Awtoritajiet se jispiċċaw jgħaddu minn fuqna.

**Ivvutaw Favur tminn Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.**

Il-Kunsililer Jerome Caruana Cilia ppropona li jsiru Air quality tests mill-ERA u l-Kunsill Lokali jingħata rapport dettaljat tal-pollution levels li hawn f'Ħal Qormi.

Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-6.00p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 5 ta' Jannar 2021** fis-6.30p.m.

Konfermati, illum it-Tlieta 5 ta' Jannar 2021.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |